



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Novembru 2020
(OR. en)

12136/20
ADD 1
LIMITE
PV CONS 26
AGRI 368
PECHE 336

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Agrikoltura u Sajd)
19 u 20 ta' Ottubru 2020

WERREJ

Pàġna

SAJD

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Regolament li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Baltiku għall-2021..... 3

AGRIKOLTURA

Affarijiet oħra

7. a) Dikjarazzjoni Komuni tal-Kroazja, Franza, l-Ungerija, il-Latvja u Spanja dwar il-ħtieġa li jiġu adottati miżuri addizzjonali fis-settur taċ-ċanga u l-vitella b'konsegwenza tal-kriżi tal-COVID-19..... 3

ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill..... 4

LAQGHATAT-TNEJN 19 TA' OTTUBRU 2020

SAJD

Attivitajiet mhux legizlatti

3. **Regolament li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Baltiku għall-2021** 11772/20
10274/20 + ADD 1
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: Art. 43(3) TFUE)
Qbil politiku

Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar ir-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku, bl-astensjoni tal-Polonja. Fid-dawl tal-ħtieġa ta' adozzjoni f'waqtha, il-Kunsill qabel li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament tal-Kunsill.

LAQGHATAT-TLIETA 20 TA' OTTUBRU 2020

AGRIKOLTURA

Affarijiet oħra

7. a) **Dikjarazzjoni Komuni tal-Kroazja, Franza, l-Ungerija, il-Latvja u Spanja dwar il-ħtieġa li jiġu adottati miżuri addizzjonali fis-settur taċ-ċanga u l-vitella b'konsegwenza tal-kriżi tal-COVID-19** 11786/20
Informazzjoni mid-delegazzjoni Spanjola, fisem id-delegazzjoni Kroata, Franċiża, Ungeriża, Latvjana u dik Spanjola

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Spanja rigward id-dikjarazzjoni komuni tal-Kroazja, Franza, l-Ungerija, il-Latvja u Spanja dwar il-ħtieġa li jiġu adottati miżuri addizzjonali fis-settur taċ-ċanga u l-vitella bħala konsegwenza tal-kriżi tal-COVID-19. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti li saru minn delegazzjonijiet oħra u mill-Kummissjoni.

C Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

Dikjarazzjonijiet għall-punti mhux leġislattivi "A" li jinsabu fid-dokument 11632/20

<u>Dwar il-punt "A"</u> <u>Nru 1:</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar is-Sajd fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook <i>Qbil fil-prinċipju</i> <i>Talba għall-kunsens tal-Parlament Ewropew</i>
<u>Dwar il-punt "A"</u> <u>Nru 2:</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar is-Sajd fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook <i>Adozzjoni</i>

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI EWROPEA

"Permezz tas-sentenza tagħha fil-kawża magħquda C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs. il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat biċ-ċar li d-deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-konklużjoni tal-ftehimiet esterni dwar is-sajd jidħlu għalkollox fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(2) TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)(a)(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet) u rrifjutat il-pożizzjoni li t-tali deċiżjonijiet jistgħu b'xi mod jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(3) TFUE.

Fir-rigward tad-deċiżjonijiet dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja kif ukoll dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook dwar estensjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook, il-Kummissjoni jiddispijaciha għall-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi ġuridika sostantiva tal-Artikolu 43(2) TFUE bl-Artikolu 43 (mingħajr ma ssemmi l-paragrafu), u għalhekk iżomm il-proposta inizjali tagħha."